**Minuti tal-Laqgħa ta' Kontinwazzjoni tat-Tmienja u Għoxrin (28) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 13 ta' April 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.** Data u ħin

** *Preżenti għal-Laqgħa*: Attendenza

| | |
|---|---|
| Il-Perit Graziella Galea | Sindku |
| Is-Sur John Bray | Viċi - Sindku |
| Is-Sur Peter Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Bartolo | Kunsillier |
| Is-Sur Alexander Bezzina | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Alfred Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tabone | Kunsillier |
| | |
| Rose Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Is-Sur Frank Gauci | Kunsillier |
| Is-Sur Martin Zerafa | Kunsillier |

**Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.24 **Ref: 55/2326/10/I** - Is-Sunroute Hotel urew interess li jisponsorjaw is-servizz tal-Wifi. Wifi

3.25 **Ref: 55/2326/10/I:** L-uffiċjal taċ-Centru ta' Matul il-Jum infurmat lill-Kunsill li hemm interess għal dan is-servizz, iżda m'hemmx spazju addattat fil-post preżenti. Servizz ta' Podiatrija

3.26 **Ref: 55/2326/10/I**: Il-Kunsill approval talba għal skip miftuħ għall-użu tal-Iskola Dun Manwel Dimech. Skip miftuh

3.27 **Ref: 55/2935/10/I**: Il-Kunsill approva li jippartecipa f'dan il-programm. Memo 52 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet għal *Lifelong Learning*

3.28 **Ref: 55/2944/10/I:** Il-Kunsill approva li ssir *build-out* bejn Triq ir-Rebbiegħa u Triq Sant'Antnin, sewwa sew biex tiġi pariġġ it-tlett *build-outs* l-oħra fl-istess salib it-toroq quddiem il-ħanut Sotto-Zero fi Triq ir-Rebbiegħa. Built-out

3.29 Ref: 55//10/I: Il-Kunsill approva li l-Perit jevalwa l-valur tal-bini mill-ġdid tal-binja kif ukoll is-somma inxurjata għall-inventarju tal-oġġetti użati miċ-Centru ta' matul il-Jum Assikurazzjoni: Centru ta' Matul il-Jum

fil-kwartieri tal-iscouts hekk kif qed jitlob il-kuntrattur tal-assikurazzjoni.

3.30 **Ref:55/1888/10/I; Ref:55/2532/10/I:** Fuq parir tal-Avukat tal-Kunsill, għandu jiġi ffissat appuntament sabiex id-dipartiment jagħti l-parir tiegħu abbinat mal-appell tal-offerta ta' zamma u attendenza ta' latrini pubblici abbażi li l-avukati tal-appellant u l-kuntrattur preżenti batu ittri legali lill-Kunsill.

Appell: Offerta ta' Zamma u Attendenza ta' Latrini Pubbliċi.

## 4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol

(a) Rendikont ta' Dħul ta' Fondi

L-iskeda ta' dħul għax-xahar ta' Marzu 2010 ammontat għal €6 150.37

(b) Rendikont ta' Ħruġ ta' Fondi

L-iskeda ta' ħruġ ta' fondi ammontat għal € 68, 754.90. L-iskeda addizzjonali ammontat għal € 83,612.29. Saret referenza mill-Kunsillier Ray Bartolo u staqsa jekk hux qed jitħallas il-kont abbinat maż-Żamma u Attendenza tal-Latrina Pubbliċi. Is-Sindku spjegat li qed jingħata servizz tajjeb u allura għandu jsir il-ħlas. Il-Kunsillier Ray Bartolo sostna li la darba hemm kwistjoni għandha tinġieb linja ta' gwida urġenti u ddikjara li ser jastjeni mill-iskeda kollha. Is-Sindku Graziella Galea qalet li kien għalhekk li għandha ssir laqgħa mad-dipartiment dwar dan. Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li ma nistgħux nagħlqu l-latrini. Il-Kunsillier Ray Bartolo qal li ma kellhux jiġi ffirmat il-kuntratt. Is-Sindku Graziella Galea qalet li, hekk kif ġara f'appell preċedenti, il-kuntratt gie ffirmat u s-servizz beda jingħata. Il-Kunsillier Peter Abela ppropona li sakemm tinstab soluzzjoni, il-Kunsill għandu jibqa' juża l-istess servizz. Il-Kunsill approva b'eċċezjoni tal-Kunsillieri Ray Bartolo.

Il-Kunsillier Alfred Grima ġibed l-attenzjoni li l-fattiga għandha tnaddaf iktar bir-reqqa. Tressqet proposta sabiex kont numru 1151 jiġi approvat wara li jsir u jiġi mkejjel ix-xogħol. Il-Kunsill approva.

Filwaqt li l-Kunsillier Ray Bartolo astjena, l-iskeda ġiet approvata hekk kif diskussa.

**(c)** Lista ta' Ordnijiet tax-Xogħol

Il-Kunsill approva l-lista ta' ordnijiet ta' xogħol għax-xahar ta' Frar 2010 li ammontat għal €7 936.96

## 5.00 Tiġdid tal-Offerta għal Gbir ta' Skart bil-Goff: SPBLC-02-2009

Il-Kunsill approva li din l-offerta tiġġedded għal sena oħra abbażi li dejjem ingħata servizz tajjeb.

## 6.00 Offerta għal Servizz ta' Community Development Worker

Il-kaxxa tal-offerti nfetħet waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Intefgħet offerta waħda hekk kif ġej:

Sina Bugeja għan-nom tal-*Foundation For Social Welfare Services,* għall-prezz ta' €9 708.24 li kellha *non-collusive tendering document* u garanzija bankarja ta' € 466.

Il-Kunsill approva unanimament li din l-offerta għandha tingħata lil din il-fondazzjoni.

7.00 Kwotazzjoni għal Servizz ta' Mini Bus

Intefgħu tlett kwotazzjonijet hekk kif ġej li nfetħu waqt din il-laqgħa:

| | Faith Garage | Paramount Garages | Frank's Chauffeu |
|---|---|---|---|
| Full Day – 10 seater | €100.00 | €57.00 | €132.00 (8h |
| Full Day – 14 seater | | | €132.00 (8h |
| Full Day – 16 seater | €110.00 | €70.00 | |
| Full Day – 18 seater | €120.00 | €70.00 | |
| | | | |
| Half Day – 10 seater | €53.00 | €38.00 | €52.00 (4 H |
| Half Day – 14 seater | | | €52.00 (4 H |
| Half Day – 16 seater | €63.00 | €46.00 | |
| Half Day – 18 seater | €73.00 | €46.00 | |
| | | | |
| Night Tour-10 seater | €53.00 | €38.00 | €17.87 (per |
| Night Tour-14 seater | | | €17.87 (per |
| Night Tour-16 setaer | €63.00 | €46.00 | |
| Night Tour-18 seater | €73.00 | €46.00 | |

8.00 **Sejħa tal-Offerta għal Ġbir ta' Skart Domestiku**

ıIngibdet l-attenzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv li jeħtieġ li s-sejħa għal din l-offerta tiġi bblikata.

Saret diskussjoni jekk is-servizz għandux jingħata f'kull ġurnata ta' xogħol, anke fil- li jinġabar l- - iskart irriċiklat, u jekk Ħdud u festi għandhomx jiġu nklużi bħala ıet li fihom jinġabar l-iskart u
Italbet linja gwida dwar liema stabbilimenti għandhom jiġu nklużi f'Annex 2 u dwar il- li jagħlaq l-Impjimpjant ta' Sant'Antnin sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi fil-laqgħa li s. Intalbet ukoll li tinġttinġabar verifika ta' tunnellati li jinġabru kull xahar.

9.00 **Aġġornamenti**

**Kunsillier Raymond Tabone**

9.01 Talab li tinġabar aktar informazzjoni dwar l-irbit tad-dgħajjes fix-Xemxija — Irbit ta' Dgħajjes

9.02 Ippropona li l-bring-in-sites ta' ħdejn Fra Ben jersqu fil-parkeġġ. Il-Kunsill qabel li għandu jikkordina flimkien mal-Viċi-Sindku. — Bring-in-Sites

**Kunsillier Jason Camilleri**

9.03 Għamel referenza għal-laqgħa li saret mal-President tal-Każin tal-Banda dwar il-Karnival u l-Imnarja. Is-Sindku nfurmatu li l-President kien ġie nfurmat li se jsir forum fejn se jiġu diskussi anke dawn is-suġġetti. — Laqgħa mal-Każin tal-Banda

9.04 Ippropona li jsiru s-sinjali tal-art fi Triq il-Makku kif ukoll jitpoġġa l-iskip bejn żewġ u-bends biex ħadd ma jċaqilqu. Il-Kunsill qabel. — Triq il-Makku

**Kunsillier Peter Abela**

9.05 Ippropona li

9.06 titressaq talba lit-Trasport Malta sabiex issir U-Bend fil-kantuniera ta' Triq Damasku ma' Triq il-Ħġejjeg; il-Kunsill approva; U-Bend

9.07 jitbaxxew il-ħitan ta' Triq Erba' Mwieżeb jew togħla l-ħamrija u ta' Triq il-Pijunieri. Ghandu jigi ccekjat is-sit; Erba' Mwieżeb

9.08 issir attivita' ta' Plant a Tree fil-kwartieri tal-Fire Brigade fix-Xemxija. Il-Kunsill approva: Plant a Tree

9.09 jkun hawn green wardens f'ċertu akkwati u biex jissorvelja dwar ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsill approva. Gie deċiż li l-kunsilliera jressqu s-suġġerimenti tagħhom; Green Wardens

9.10 jsiru tabelli li jindikaw li waslet kantuniera fejn iċ-*Cherry Tree.* Il-Kunsill approva. Tabelli

9.11 talab update tal-bankina ta' Triq Burmarrad. Is-Sindku nfurmatu li skont tweġiba ta' mistoqsija parlamentari mill-Onor. Censu Galea, l-offerta għal dan ix-xogħol inħarġet u għalhekk ix-xogħol għandu jsir fiż-żmien qarib: Bankina Triq Burmarrad

9.12 talab follow-up tat-Tow Zone tal-Wardija Tow-Zone Wardija

9.13 għamel referenza għall-business cards u staqsa jekk għandhomx jiġu ordnati ġodda minħabba l-indirizz tal-email ġdid. Sar qbil li la l-indirizz tal-email għadu validu, m'hemmx għalfejn isiru oħrajn ġodda; Business Cards

**Il-Kunsillier Ray Bartolo**

9.14 għamel referenza għas-siti miftuħa f'Burmarrad fejn qal li hu nfurmat li l-MEPA ma baqgħetx talloka fondi. Hu ppropona li jekk inhuma tal-gvern ngħidu lill-gvern sabiex jaghlaqhom u ninkludu ritratt tas-sit inkwistjoni sabiex il-MEPA tghid lil sidhom biex jagħlquhom. Siti Miftuħa

9.15 talab follow-up dwar il-bus-stop ta' ħdejn il-Clean-it u update dwar il-laqgħa dwar il-kaptelli tal-arbli tal-festa. Bus-Stop: Burmarrad

9.16 ippropona li qabel il-festa jinżebgħa z-zuntier tal-parroċċa u jitħawlu l-fjuri fis-soft area. Soft Area: Burmarrad

**Kunsillier Mario Camilleri**

9.17 Informa lill-Kunsill li saret laqgħa bejn id-Drug Squad, is-CID u l-Kunsill Lokali Mellieha fejn ġew diskussi diversi problemi li jiffaċċjaw dawn il-lokalitajiet u tressqet proposti biex il-pulizija jiġu jkellmu lill-Kunsill biex jispjegaw kif noqgħodu attenti għal bejgħ ta' drogi min-nies barranin. Ġie deċiż li għandha ssir laqgħa separata minn dik tal-Kunsill. Laqgħat mal-Pulizija

9.18 Ippropona li jinġabru kwotazzjonijiet sabiex isiru pots kbar bi qsari imdendln minn fejn il-Veċċa sal-bidu tax-Xemxija. Il-Kunsill approva. Pots Imdendlin

9.19 Ippropona li jinxtraw il-fjuri sabiex jitħawlu fil-pots ta' matul il-promenade, stmati li jiswew €1 050.00 VAT inkluż. Il-Kunsill approva. Pots matul il-Promenade

9.20 Irrefera għal parking f'Telgħet ix-Xemxija fejn hemm it-taraġ quddiem il-Fortress u talab sabiex il-gwardjani jinfurzaw iżjed. Parkeġġ f'Telgħet ix-Xemxija

9.21 Irrefera għas-*sandwich boards* ta' mal-promenade u talab sabiex il-pulizija jieħdu Sandwich

azzjoni. boards

9.22 Irrefera għal żewġ bollards li kien hemm fi Triq Sant'Antnin u ppropona li jerġgħu jitpoġġew u jingħataw ċwievet tagħhom lil min għandu garaxx. Bollards fi Triq Sant'Antnin

Is-Sindku talbet sabiex niċċekkjaw ir-raġuni għalfejn tneħħew.

**Viċi-Sindku John Bray**

9.23 Irrefera għaċ-Centru ta' Matul il-Jum fi Triq Parades u qal li sid il-binja infurmaħ li hemm xi ħsarat li saru waqt li kienu qed iżarmaw u jridu jiġu rranġati. Gie deċiż li ssir laqgħa sabiex wieħed isolvi l-problemi. Ċentru ta' Matul il-Jum

**Kunsillier Raymond Tabone**

9.24 Ippropona li niktbu lit-Taqsima tax-Xogħolijiet Pubbliċi sabiex fil-By Pass isiru żewġ bankijiet fil-gallarija. Bankijiet fil-Gallarija tal-By-Pass

**Kunsillier Alfred Grima**

9.25 Ippropona li għall-festa tar-raħal issir stedina lill-President tar-Repubblika ta' Malta. Il-Kunsill qabel. Stendina lill-President tar-Repubblika

9.26 Ressaq rapport dwar post perikoluż f' Burmarrad. Peress li dan il-post kien diġa irrappurtat ġie deċiż li tintbgħat reminder. Ħajt Perikoluż f'Burmarrad

9.27 Għamel referenza għat-telefon boxes is-sofor fejn ġibed l-attenzjoni li dawn għandhom jitneħħew. Telephone Boxes

Is-Sindku ikkonfermat li kelmet lis-Segretarji Parlamentari Jason Azzopardi u Mario De Marco biex jinqalgħu għax kien hemm kuntatt mad-Dipartiment tal-Artijiet.

Gie deċiż li tinkiteb ittra lill-Avukat fejn nagħtu deadline lis-sid fejn jekk ma jneħħijomx fi żmien stipulat jitneyħħew għas-spejjeż tal-kumpanija.

Gie nnutat li t-telefon boxes ta' fejn il-Portobello ma qed jizgumbraw il-bankina u jiġu spustjati.

9.28 Ippropona li jsir *railing* mal-ħajt ta' ħdejn il-Portobello. Peress li l-ispiża kient tammonta għal madwar €11 646.87 u liema spiża ma kienitx approvata mill-Kunsill, ġie deċiż li nitkellmu mat-Taqsima tax-Xogħolijiet Pubbliċi u nistaqsuhom jekk jagħmlux ix-xogħol huma. Railing ħdejn Portobello

9.29 Ippropona li titressaq talba lit-Trasport Malta sabiex issir bankina ġdida fi Triq il-Boxxla. Il-Kunsill qabel. Bankina Ġdida fi Triq Boxxla

9.30 Ippropona li drabtejn fix-xahar isir il-ħasil tat-taraġ tal-pjazza. Il-Kunsill qabel. Ħasil ta' Taraġ

9.31 Gibed l-attenzjoni li min jiknes jew ibattal id-*dustbins* jew iħalli xi boroż għandu jiġborhom mill-ewwel. Tbattil ta' dustbins

**Sindku Graziella Galea**

9.32 Infurmat lill-Kunsill li saret laqgħa mal-Assistent Kummissarju Zammit fejn lest li jgħin fin-Neighborhood Watch. Ipproponiet li għandha ssir laqgħa għall-anzjani mill-Pulizija dwar is-sigurta tagħhom. Il-Kunsill qabel. Laqgħa mal-Assistant Kummissarj

9.33 Ipproponiet li tinħareġ sejħa li tiġġedded kull sena sa massimu ta’ tlett snin b’valur ta’ €20 000 fis-sena għall-post fejn isiru l-korsijiet u xi użu ieħor. Offerta u

**Kunsillier Frank Gauci**

9.34 Ippropona li jsir xi bollard fejn culvert fil-Wardija minhabba li qiegħed perikoluż ħafna, hekk kif titla’ il-Wardija lejn Triq il-Qalb ta’ Marija. Culvert Wardija

9.35 Informa lill-Kunsill li se jippartecipa fi programm mill-Ministeru tas-Sahha fejn fil-lokalita' jsiru korsijiet tal-keep fit bla hlas ghal nies li jridu jnaqqsu mill-piz żejjed. Jista' jkun li japplikaw nies minn barra l-lokalita' ukoll pero għandha ssir pubblicita fil-lokalita taghna sabiex japplikaw ir-residenti l-ewwel. Kors ta’ Keep Fit

9.36 Ippropona li Ħarġiet Kulturali

ssir ħarġa fl-okkażjoni ta’ Jum l-Omm u tingħata tifkira lin-nisa li jattendu.

Jiġi organizzat trasport għall-festival tan-nar tal-ajru sakemm ma jkunx se jsir xi transport iehor minn xi ghaqda oħra fil-lokalita'.

Issir ħarġa għall-Imnarja li tkun lejliet l-Imnarja (28 ta' Gunju)

**16.00 Egħluq tal-Laqgħa**

Peress li ma kienx hemm aktar x’jiġi diskuss il-laqgħa ntemmet fit-8.25pm. Il-laqgħa li jmiss ġiet skedata għal nhar il-Ħamis 13 ta’ Mejju 2010 fil-5.30pm.

***Perit Graziella Galea** B.E.&A. (Hons), M.Sc. (Road Eng.), A.&C.E.* ***John J. Camilleri***
***Sindku*** ***Segretarju Eżekuttiv***

06 ta’ Mejju 2010 ref: 55 /4005/ 10/ Orc